# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 436/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christian Mifsud**

Seduta tas-6 ta' Novembru 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra l-appellant, Christian Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 77887M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' Gunju, Lulju u Awwissu 2015 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat, naqas li jaghti lil Dorianne Cauchi, is-somma ta' €280 ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Settembru, 2016 li biha sabet lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u ikkundannatu ghal xahrejn (2) prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Christian Mifsud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 t' Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi, filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu hati tan-nuqqas li jaghti manteniment dovut, tirriformha u tvarjha in kwantu l-piena billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi ghall-istess piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti;

2. Illi fis-seduta tal-lum, l-parti civili kkonfermat illi fil-mori tal-appell l-appellant ssalda d-debitu tieghu billi hallas il-manteniment dovut lilha skond kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-

artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut ;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi biss, din il-Qorti, qed tilqa' l-appell u ghalhekk tghazel illi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xaharejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal-twiddiba;